## Attivitajiet għax-xahar ta' Settembru

**It-Tlieta 3 ta' Settembru**: Illum dawk li huma bbukkjati se mmorru fuq il-cruise liner "*Legend of the Seas*". Se niltaqgħu fejn il-BOV il-Waterfront Valletta fl-għaxra u kwart (10.15am).

MA NINSEWX IL-PASSAPORT JEW ID VALIDI!! Min jinsihom ma jkunx jista' jitla' fuq il-vapur.

**Il-Ġimgħa 6 ta' Settembru**: Illum se nagħmlu picnic Golden Bay. Niltaqgħu fuq ir-Ramla fis-sebgħa u nofs (7.30pm). Ġibu l-ikel, drinks, dwal u siġġijiet magħkom.

**Il-Ġimgħa 13 ta' Settembru**: 7.30pm. Fuq talba ġenerali se nerġgħu nagħmlu picnic fuq id-Dingli Cliffs. Niltaqgħu fis-sebgħa u nofs (7.30pm) fejn il-Kappella tal-Maddalena. Kulħadd iġib biex jitrejjaq u biex isorġi.

**Il-Ġimgħa 20 ta' Settembru**: Illum se mmorru mixja Marsaxlokk. Niltaqgħu ħdejn il-knisja ta' Marsaxlokk fis-sebgħa u nofs (7.30 pm). Wara mmorru nieħdu xi ħaġa flimkien.

**Il-Ġimgħa 27 ta' Settembru**: Illum se mmorru niċċelebraw il-Birthdays ta' dawk li għalqu sninhom f'Settembru. Se niltaqgħu l-Corinthia Marina San Ġorg, fit-tmienja (8.00pm) għall-Pizza, Pasta Night. Prezz – Adulti - €14 ; Tfal - €7

**Chairperson: Maria Borg** **Mob. 9927 1981**
**Secretary: Louise Suda** **Mob. 9949 8784**
**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**
**Find us on facebook: MinusOne Grp**
**https://minusonemalta.wordpress.com/**




**Volum 15, Ħarga 6** **Settembru 2013**

Għeżież ħbieb,

Baqgħalna l-aħħar xaħar li fih niltaqgħu barra. Dan kien sajf movimentat mhux ħażin. Kellna ħafna attivitajiet li kważi rnexxew kollha. Tista' tgħid li għal kull attivita' kellna medja ta' tletin ruħ. Kellna attivita' kull gimgħa u b'hekk bqajna niltaqgħu regolari u nieħdu gost flimkien. Morna Għawdex, Kemmuna, il-Port il-Kbir, mixjiet, picnics, u oħrajn.

Apparti xi ftit inċidenti żgħar l-attivitajiet kollha rnexxew, u dan jinkoraġġina biex inkomplu norganizzaw. Pero' hawnhekk irrid nagħmel xi affarijiet ċari mal-membri. Niftakru li meta aħna noħorġu nieklu bħala grupp, mhuwiex etiquette li l-membri jmorru jagħmlu l-complaints mal-management. Il-complaints iridu jsiru lil membri tal-kumitat, li jkunu organizzaw l-attivitajiet u l-kumitat jieħu l-passi meħtieġa. Ma nistgħux nittolleraw iktar li l-membri jwaqqgħu għaċ-ċajt il-kumitat li jkun organizza billi jaqbżuna u jmorru jagħmlu l-complaint huma. Nerġa nirrepeti li kull complaint trid tgħaddi mill-kumitat.

Ħaġa oħra li nixtieq niċċara hi li ħadd mill-membri ma jista' jdejjaq lil membri oħra b'fittagħni żejda, ċajt goff, kliem mhux aċċettabbli u tipjip. Aħna għandna kodiċi ta' l-etika li l-membri kollha suppost jafuha u anke min hu guest irid josservaha. Min iġib guests miegħu, dawn huma responsabbilta' tal-membri li ġabuhom.

Dan is-sajf kellna wkoll il-problema li għal darboħra konna se nitilfu l-post fejn niltaqgħu, iżda bis-saħħa ta' xi nies li rsistew fost il-membri u ta' xi ministri responsabbli, rnexxielna nżommu l-post ta' Project House. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Segretarja Marie Louise Suda, li ħadmet bis-sħiħ, lis-Sur Victor Chetcuti li stinka ħafna, u lil Rita Sant, membri li għenu biex inżommu l-post. Ħajr ukoll lill-Onorevoli Joe Mizzi, Helena Dalli u Marie Louise Coleiro Preca. B'hekk għandna moħħna mistrieħ li għal Ottubru li ġej għandna fejn niltaqgħu li huwa l-istess post ġo Project House u evitajna l-hassle kollu li għal darboħra nerġgħu noqogħdu niċċaqalqu. Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lil kumitat kollu tal-kooperazzjoni li dejjem juri u x-xogħol siewi li jagħmel, lil Doreen Mercieca li ttellgħalna n-newsletter, u lill-membri kollha tal-kooperazzjoni tagħkom.

Dejjem tagħkom

*Maria*

## Esperjenza ta' Cruise Liner

Kif tafu nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru se mmorru nżuru l-Cruise Liner "*Legend of the Seas*". Dawk li huma bbukkjati u li ġew ikkonfermati mis-Sur Mark Farrugia, jiltaqgħu magħna ħdejn il-BOV fuq il-Waterfront tal-Belt, fl-għaxra u kwart (10.15 am). Importanti ħafna li ma ninsewx l-**ID JEW PASSAPORT VALIDI**. Min jinsihom ikollu jmur lura d-dar.

Din tkun okkażjoni għalina biex insiru nafu aktar kif ikun cruise liner minn ġewwa u x'faċilitajiet jipprovdi. Jekk ikun hemm ħin ikollna wkoll ikla fuq il-vapur f'wieħed mir-restaurants. Għalkemm dan huwa kollu bla ħlas, fl-aħħar tinġabar donazzjoni għall-karita'.

Din l-esperjenza saret possibli bil-ħidma tas-Sur Mark Farrugia, u huwa essenzjali li fuq il-vapur ikun hemm imġieba tajba biex lil min organizza ma nwaqqgħuhx wiċċu l-art mal-ekwipaġġ. Importanti li ma jkunx hemm tipjip, iffullar waqt l-ikel, u storbju u għajjat għal xejn. Niftakru li aħna kull fejn immorru qed nirrapreżentaw il-grupp u ma nagħmlux isem ħażin. Barra minn hekk għandna niftakru li lil min ikun organizza ma nwaqqgħuhx għaċ-ċajt.

Min ikollu xi diffikulta' iċempel lis-Sur Mark Farrugia fuq 79452005.




## Il-grupp tagħna lkoll

Il-grupp tagħna tal-minus one
Magħmul minn nisa w rġiel;
Se nipprova niddiskrivieh
Jew aħjar nagħti ftit ħjiel.

Se nibda' mill-grupp maskili
Veru qegħdin imżewwqin;
Ta' kull tip u ta' kull għamla
Kemm irqaq u kemm ħoxnin.

Hemm min hu moħħu fil-futbol
Fl-insib w anke fil-kaċċa;
Min hu dilettant tal-festa
Tal-banda w tal-parroċċa.

Hemm ftit twal u l-oħrajn qosra
Hemm il-lixxi u l-imżaqqin;
Issib min joqgħod bil-għaqal
Hemm oħrajn ftit imqarbin.

Issa naslu ftit għan-nisa
Grupp imħawwar mhux ħażin;
Illi biex nispjegah kollu
Għandi sena x'waħda din.

F'dan il-grupp kulħadd jispikka
Kemm iż-zgħar u dawk ftit kbar;
Pulit jilbsu u bil-make up
Biex dejjem jidhru aħjar.

Hawn ukoll issib minn kollox
Kemm irqaq kif mibrumin;
Issib bjondi anke somor
Jew b'xi highlights miżjudin.

Kieku kelli nikteb kollox
Żgur illi ma nieqaf xejn
'Mma nibża' li ngħid xi ħaġa
Li tqallagħni xi daqqtejn.

*Guże'*